OFM-LINK

ORDNI TAL-PATRIJIET MINURI - M A L T A
PROVINĊJA FRANĠISKANA TA' SAN PAWL APPOSTLU
http://www.ofm.org.mt

NRU.173 DIC 11

Il-Provinċjal P. Sandro Overend O.F.M.
jawgura lill-aħwa kollha, lill-familjari tagħhom
u l-benefatturi tal-Provinċja tagħna

MILIED QADDIS U ĦIENI
u
SENA ĠDIDA 2012
mimlija Paċi u Ġid

Żjara tal-Kustodju tal-Art Imqaddsa f' Malta 1 - 4 ta' Diċembru

Talba lil S. Franġisk t' Assisi

miktuba mill-Kardinal Angelo Comastri

O Franġisku, is-suppervja tagħna ta' spiss tbgħedna minn Betlehem. Meta nkunu 'l bogħ-od minn Betlehem, inkunu 'l bogħod minn Kristu. Inti Franġisku, kont tħobb lil Betlehem, mhux biex timxi mal-moda, mhux biex tikkontesta jew biex tidher. Inti kont tħobb lil Betlehem għ aliex kont tħobb lil Kristu. Dan huwa s-sigriet u t-tifsira tal-għażla u l-iskop ta' ħajtek.

Ħudna sa Betlehem, kif darba ħadt lil fra Leone madwar it-toroq tal-Umbrija u tal-Italja. Hemm waqt dak il-vjaġġ, int ftaħt qalbek miegħu u wrejtu t-triq tal-veru ferħ dejjiemi. O Fran ġisku, illum il-flus saru allat kbar. Ħafna minħabba l-flus joqtlu mingħajr ħniena f' gwerra li tidher li m'għandhix tmiem.
Ħafna minħabba l-flus jisirqu bnedmin oħra u xi kultant anke tfal, li ssir, ħafna drabi, b' krudelta, li tkun aktar krudila minn dik tal-lupu ta' Gubbio. Ħafna minħabba l-flus jibigħu d-droga u jeqridu tant żagħażgħ, li għadhom qegħdin jikbru u jgħaġalu lill-ġenituri tagħ-hom jaqgħu fid-disperazzjoni, li jxerred tant dmugħ. Ħafna minħabba l-flus jibigħu ġisimhom, billi jwaqqgħu d-dinjita' u s-sbuħija tal-ħajja, li ġiet maħluqa biex tikber fl-imħ-abba vera. Ħafna minħabba l-flus…….

Imma int għażilt li tgħix fqir. Ħabbet il-faqar għaliex int emmint li t-Tajjeb, l-iżjed t-Tajjeb tal-ħ ajja, huwa Ġesu Kristu, li twieled fil-faqar ta' Betlehem biex jagħmilna għonja fl-Ispirtu s-Santu, li huwa l-Imħabba, l-Imħabba vera u mimlija.

O Franġisku, hemm bżonn li nerġgħu mmorru Betlehem ! Hemm bżonn li nerġgħu nsibu l-qofol tal-liberta, il-ferħ li tagħti, li timxi f' din id-dinja lejn smewwiet ġodda u art ġdida.

O Franġisku, quddiem l-għar ta' Betlehem, ma rridux mmorru lebsien xi *coat* tal-*fur* jew bil-ilbies tal-aħħar moda biex nuru l-egoiżmu tagħna. Inrridu npoġġu l-egoiżmu tagħna taħt saqajna u fl-aħħar nibdew nimxu 'l quddiem u mhux taparsi qed niċċelebraw il-Milied. Imma ngħexu bil-qalb, flimkien miegħek, billi nmorru wara Ġesu' fil-ferħ tal-Imħabba vera tal-Ispirtu s-Santu. Hekk ikun! Hekk għandna niċċelebraw il-MILIED!

Dettal ta' presepju tat-terracotta fuq il-ġebel, li jinsab fis-santwarju franġiskan tar-raħal ta' Greccio. Xogħol tal-Prof. L. Venturini, li għamlu fl-1962.

IL-MILIED u S. KLARA T' ASSISI

Ilkoll nafu x' importanza għandu l-misteru tal-inkarnazzjoni fl-Ispirtwalita' Franġiskana u għalhekk id-devozzjoni franġiskana kienet iċċentrata fuq dan il-Misteru. Il-fatt li Alla huwa mħabba u dan uriha b' mod ċar billi bagħat lill-Ibnu stess li sar bniedem bħalna, imbarra d-dnub. Mill-kitbiet personali tiegħu u mill-ewlenin fonti ta' ħajjiet S. Franġisk, nistgħu naraw x' imħabba kbira S. Franġisk kellu lejn il-festa tal-Milied u speċjalment meta kien jara u ried lil kulħadd jara u jħ oss il-faqar u s-sempliċita ta' din il-festa. Kien għalhekk li, f' Diċembru tal-1223 ġewwa Greccio, għall-ewwel darba, Franġisku għ-araf jgħaqqad l-Ewkaristija u l-presepju. Il-Bambin sar ħaj f' idejh u fi qlub dawk in-nies li kienu ħdejh.

Mela ma setax jonqos li anke Klara tnissel fiha imħabba speċjali lejn il-misteru tal-Inkarnazzjoni. Nibdew mill-kitbiet tagħha: "….ara l-faqar ta' dak li kien mqiegħed f' maxtura u mfisqi fil-ħrieqi fqajrin. O x' umilta ta' l-għaġeb u x' faqar li jgħaġġeb is-Sultan tal-Anġli, is-Sid tas-sema u tal-art imqiegħed f' maxtura!" (mir-4 ittra lil Sant' Agnese ta' Praga 19 {FSK 42}). Imbgħad fir-Regola fil-kapitlu 2 tgħid hekk: " U għall-imħabba tal-Bambin l-aktar qaddis, li kien imfisqi fi ħrieqi fqar u mqiegħed f' maxtura, u tal-Omm l-aktar qaddisa tiegħu nwissi, nitlob bil-ħerqa u nħeġġeġ lis-Sorijiet, biex jilbsu dejjem ilbies fqir" (FSK 77). Ħawn jidher biċ-ċar mhux biss is-sens profond tal-kontemplazzjoni, imma wkoll is-sensibilita femminili. Fit-Testament tagħha tgħid hekk "…biex għall-imħabba ta' dak il-Mulej li twieled fqir u kien mqiegħed f' maxtura…." {45 FSK 149}. Il-mudell tagħha jidher biċ-ċar li kien Kristu fqir u umli.

Issa ejjew nagħtu ħarsa lejn l-għejun medjevali dwar ħajjiet Klara. Fl-atti tal-Proċess tal-Kanonizzazzjoni tagħha, Suor Francesca qalet li darba nhar il-*Calendimaggio*, rat lil Bambin Ġesu f' ħoġor Klara (9,4 {FSK 434}). L-istess soru tixhed ukoll li dan il-fatt reġa' twettaq, meta s-sorijiet darba ħasbu li Klara kienet se tmut, u għalhekk talbu lis-saċerdot biex jqarbinha. Waqt li kien qiegħed jgħamel dan, deher 'tfajjel ċkejken u sabiħ ħafna'. Dak il-ħin Klara qalet: "Alla llum tani rigal hekk kbir li s-sema u l-art ma jitqabblux miegħu" (9, 10 {FSK 44}).

Xhud oħra, Suor Agnese, qalet li Ġesu "tfajjel sabiħ, li kellu madwar tlett snin deher waqt prietka li għamel Fra Filippu minn Atri f' S. Damjan nhar it-tieni Ħadd wara l-Għid tas-sena 1232. Ġesu deher, qalet l-istess soru, bejn il-predikatur u wliedha. Agnese dak il-ħin semgħet f'qalbha: " Jiena ninsab fostkom" (ProcCan 10, 8 {FSK 448}).

Tumas minn Celano, fil-*Leggenda ta' S. Klara*, jgħidilna dwar meta Klara kienet tinsab marida u ma setgħetx tqum mis-sodda biex tieħu sehem fil-funzjoni tal-Milied (1252), li kienet qed issir fil-Knisja ta' S. Damjan imma semgħet u rat mill-bogħod dak li kien qiegħed isir fil-Knisja ta' S. Franġisk (29 {FSK 630}, ara wkoll ProCan 3, 30 {FSK 368}; 7,9 {FSK 421}). Ninnutaw li hemm distanza kbira bejn dawn iż-żewġ knejjes: S.Franġisk mibni fuq in-naħa tal-punent t' Assisi u S. Damjan jinsab fuq ix-xlokk. Illum fil-kjostru tal Knisja ta' San Damjan hemm presepju taċ-ċeramika policroma ta' Italo Costantini, li jfakkar lil

kull pellegrin li jżur lil din il-knisja, din il-ġrajja (ara: din l-opra tal-arti qed tidher fil-bidu ta' dan l-artiklu). Minħabba dan il-miraklu, fuq talba tal-isqfijiet tal-Italja u oħrajn, il-Papa Piju XII, bil-breve *Clarius explendescit* tal-14 ta' Frar 1959, ħatar lil S. Klara bħala patruna tat-televiżjoni.

"God speaks in silence"

During the General Audience of the 10 August 2011, which was held in the courtyard of the Papal Residence at Castel Gandolfo, Pope Benedict XVI said …….

Tomorrow, dear friends, we shall commemorate St. Clare of Assisi. Therefore, I would like to recall one such "oasis" of the spirit that is particularly dear to the Franciscan family and to all Christians: the little convent of St. Damian, situated just beneath the city of Assisi, among the olive groves that slope down towards *Santa Maria degli Angeli*. It was beside this little church, which Francis restored after his conversion, that Clare and her first companions established their community, living on prayer and humble tasks. They were called the "Poor Sisters" and their "form of life" was the same as that of the Friars Minor: "To observe the Holy Gospel of our Lord Jesus Christ" (*Rule of St Clare*, 1, 2), preserving the union of reciprocal charity (cf. *ibid*, X, 7) and observing in particular the poverty and humility of Jesus and of his Most Holy Mother (cf. *ibid*., XII, 13).

The silence and beauty of the place in which the monastic community dwells — a simple and austere beauty — are like a reflection of the spiritual harmony which the community itself seeks to create. The world, particularly Europe, is spangled with these oases of the spirit, some very ancient, others recent, yet others have been restored by new communities. Looking at things from a spiritual perspective, these places of the spirit are the backbone of the world! It is no accident that many people, especially in their breaks, visit these places and spend several days here: the soul too, thanks be to God, has its needs!

Let us therefore remember St Clare. …….

F' dan ir-ritratt jidher l-altar maġġur tas-santwarju ta' S. Damjan.
Fil-kor (ħdejn it-tabella bajda) mal-patrijiet, jidher in-novizz Fra Gerald Xuereb O.F.M.

Sena Klarjana



Il-bulla '***Quoties cordis***'
tal-Papa Girgor IX mibgħuta
lil Ministru General tal-Patrijiet Minuri
(Giovanni Parenti 1227 - 1232)

Lil maħbub ibni Ministru tal-Patrijiet Minuri, saħħa u barka appostolika.

Aktar mal-għajn tal-qalb tkun sajfa, għaliex imdawla bid-dawl tas-sema, aktar tinħass il-ħtieġa tal-prudenza, biex hekk il-missier tad-dlamijiet (ix-xitan) ma jimlihx bi ċpar imdallam dawk li, b' rabja kbira, jara li huma mdawlin bil-grazzja divina. L-għira ta' dak il-għadu qadim, li fil-fatt ma tantx iħabbel rasu biex jwaqqa fit-tentazzjoni lill-insara ta' nofs kedda, imma, bl-akbar gost, jagħmel minn kollox biex jwaqqa' fl-ingann lil dawk li ġew magħżula. Aħna ċerti li dak il-għadu żvinturat tagħna lkoll, jgħer għall-ferħ li jara fil-*povere monache recluse* (Sorijiet Foqra tal-klawsura), għaliex jarhom telgħin bil-ġweniaħ tal-kontemplazzjoni qaddisa lejn dak il-post, li minnu huwa ġie mkeċċi b' mod l-aktar kiefer. Għal dan l-iskop huwa jagħmel minn kollox biex, bil-għan li jfixkel, joħloq bosta diffikultajiet biex huma (s-sorijiet) ma jirnexxilhomx jaslu fejn qed jippruvaw jilħqu. Għalhekk aħna nemmnu li jkun waqtu biex naħsbulhom għal xi persuna, mogħni bi ħeġġa kbira, biex ikun jista' ssaħħaħ li min huwa l-aktar dgħajjef, jfejjaq il-mard, jieħu ħsieb li min qed jbati u jre-ġġa' lura lil dawk li jintilfu. Issa, wara li aħna rajna li, fost l-oħrajn kollha, Alla huwa grat għ-ax-xogħol li qed jagħmel l-Ordni tal-Patrijiet Minuri u aċċettah, lilek u lis-suċċessuri tiegħ-ek, nafda, f' isem l-ubbidjenza, l-imsemmija sorijiet tal-klawsura, filwaqt li nordnaw li, b' mod ġuridiku, tieħdu ħsiebhom bħallikieku kienu xi nagħaġ li ġew afdati lilkhom b' interess preokkupat.

Mogħti mill-Lateran fid-19 jum qabel il-*calende* ta' Jannar, fl-ewwel sena tal-Pontifikat tagħna (14 ta' Diċembru 1227)

(Din hija tradizzjoni mit-Taljan, kif tidher fil-ktieb ' *S. Chiara d' Assisi - scritti e documenti'* - a cura di G. G. Zoppetti e M. Bartoli, Editrici Francescane , Assisi 1994, p. 395).

P. Dionysius Mintoff O.F.M. fl-Awstralja

Nhar il-11 t' Ottubru P. Dionysius kien il-mistieden ta' *Notre Dame University* ta' Perth, fl-Awstralja, biex jagħti taħditiet lill-istudenti tal-kors tas-*social justice*. Il-Viċi-Kanċillier u l-Kap tad-Dipartiment tkellmu qablu u fissru l-istedina li għamlulu u x'jistennew minnu. Fiż-żewġ taħ dtiet tiegħu, P. Dionysius insista li kull universita qed tgħix fi żmien importanti fl-istorja. Huwa mument ta' opportunitajiet kbar x'ħin tifli sew l-kariżma u l-għan ta' universita kattolika. Spejga fit-tul x'inhuma dawn l-opportunitajiet u kif l-istudenti għandhom iħejju ruħhom b' applikazzjoni prattika. Huwa jħoss li ż-żewġ taħdtiet, ta' siegħa u nofs il-waħda, ġew milqugħa tajjeb ħafna, kif stqarr l-editur tal-ġurnal Kattoliku '*The Record'* ……...p. 6

Fra Giovanni dalla Cappella

Fost l-ewwel sħab Franġisku, li ftit li xejn nafu dwaru, hu fra Giovanni dalla Cappella. Fil-fatt jekk inqalbu daqxejn il-fonti franġiskani nsibu ftit fuqu. Barra minn dan, l-informazzjoni li nstabet hija xi ftit imħawda. Skond l-awturi tal-*Leggenda dei Tre Compagni* u tal-*Anonimo Perugino*, fra Giovanni mar għall-ewwel darba għand S. Franġisk, ma' Sabbatino u Morico (L3C9,35 {FSF 571} ; AP 3,17 {FSF 506}). Imma fit-*Tre Compagni* jsemmi Giovanni de Capella, filwaqt l-*Anonimo* jsemmi biss ismu. Skond l-istoriku A. Fortini, Giovanni kien membru ta' familja nobbli, għax huwa sab dokument fl-arkivju tal-*Comune* ta' Fabriano (1297) li jsemmi lil *dominus Petrus Iohannis de Cappella* bħala nutar tal-kanċillier tal-*Comune* ta' Assisi. X' aktarx li dan Giovanni kien membru ta' din il-familja nobbli.

Imbgħad jekk niftħu l-*Fioretti ta' S. Franġisk,* mill-ewwel insibu ftit kliem iebes dwar fra Giovanni, għax jgħidilna fl-ewwel kapitlu, li kif wieħed mit-tnax l-Appostli telaq mill-appostolat, billi ttradixxa lil Kristu, u mar jitgħallaq minn għonqu, hekk ukoll għamel Giovanni della Cappella, telaq mill-Ordni u spiċċa biex tgħallaq minn għonqu {cfr. FSF 1587}. L-istess ħaġa nsibu fil-kapitlu 31 meta l-awtur jgħidilna li S. Franġisk 'lil fra Giovanni della Cappella ħabbarlu minn qabel li hu kellu jmut mgħallaq {FSF 1617}. Imma nridu ngħidu li hemm inċertezza, kemm rigward l-isem kif ukoll dwar kif miet.

Fil-kronaka tal-patri franġiskan Giordano da Gaino (1195 - ?), insibu li ċertu fra Giovanni da Campello, wara li ġabar madwaru numru kbir ta' irġiel u nisa lebbużi, telaq mill-Ordni għax ried jwaqqaf ordni ġdid. Għalhekk kiteb regola u flimkien mas-segwaċi tiegħu ippreżenta ruħu quddiem is-Sede Appostolika. Dan kollu ġara meta S. Franġisk ma kienx ġewwa l-Italja. L-istudjużi jżommu li l-kelma *Compello* forsi qed tirreferi għal Campello sul Clitunno. Mhux eskluż li jista' jkun il-laqam ta' fra Giovanni da Cappella, jiġifieri ta' Cappello. Giordano jkompli jgħidilna li hekk kif Franġisku ġie lura l-Italja, huwa mar Orvieto, fejn kien qed jgħix il-Papa Onorju III, biex ikellmu fuq dan. Il-Papa tah il-Kardinal Ugolino da Segni, Isqof ta' Ostia u Velletri, bħala protettur tal-Ordni, u fra Giovanni u sħ-abu ġew mkeċċija mill-Kurja Papali

……

minn paġna 5

P. Dionysius ukoll ha sehem bħala *keynote speaker* f' *seminar* organizzat mill-*Catholic Social Justice Council* tal-Kurja ta' Perth biex ifakkar il-50 sena tal-enċiklika *Pacem in Terris* tal-B. Papa Ġwanni XXIII. Mr. Terry Quinn, l-*Executive Officer* tal-istess kunsill fil-kurja ta' Perth, introduċieh u qal għaliex stiednu u talbu biex jitkellem fuq l-isfidi tal-illum. Fit-taħdita tiegħu, P. Dionysius wera x' kiteb il-Papa f' dik l-enċilika u kemm hu diffiċli li titkellem fuqha *because the target though very definite is not stationary but constantly moving*. Għal dan is-*seminar*, barra uffiċċjali ta' kummissjonijiet oħra, kien preżenti l-Eċċ. B.J. Hickey, Arċisqof ta' Perth u Mgr. A. Chiera, Vigarju Generali ta' Bunbury.



Ftit tifkiriet mill-laqgħa ta' talb f' Assisi Ottubru 2011

Il-messaġġ li ta l-Vigarju Appostoliku ta' Benghazi, Mons. S. Magro O.F.M., fil-laqgħa li saret f' Assisi nhar is-26 ta' Settembru 2011

The Choice

The still on-going turbulent events of the Libyan nation, beginning in the middle of February 2011, have shaken the apparent tranquility of the people of this country.
The news coming from the battlefront were terrifying; the canons roared ominously and frightened us: blood flowed, many wounded crammed the hospitals, the numbers of the fallen increased day.
Instead the "three days of anger", as the predicated popular protest would last, the conflict developed into a prolonged civil war. This dramatic situation provoked a mass exodus of foreign workers and other operators who, abandoning Libya to its destiny, put themselves in safety by returning to the countries of origin. The tragic events of these months, could not leave us indifferent, neither as a church nor as individuals. We have asked ourselves: what should we do? This is the burning question. Should we remain at the place assigned to us by the Lord according to our vocation, or escape like the foreigners, and place ourselves in safety? And in case we decided to remain, to what possible limits could we stay? This was the decision to be taken with the greatest of conscience.

The Witness

The almost unanimous personal response to these questions, was a distinct honour to the Person of Christ and his Holy Church. Placed before the choice of leaving our place or remaining here, each of us , priest and religious, opted to remain where the Lord had asked us to offer our service.
Notwithstanding the natural fear in face of the conflict, and perhaps in the face of mortal danger, we have embraced the Cross of Christ. Notwithstanding the insistent calls of our superiors and of our relatives we have chosen the way of sacrifice. Full of confidence in the Providence of the Lord, the priests and religious of the Vicariate, realized that the present hour required from them a heroic gesture, a task, and in the end, a gesture of love.

The Lord

Ours has been a gesture of love for the Lord, for His Church for the sick and the suffering for those who expected from us the sign of the greatest love: "to give one's life for the brethren". This witness has been an eloquent sign which everyone, the faithful Christians and our Muslim friends, fully understood and widely appreciated. Many people, not only appreciates our witness, but have also been touched by our gesture of selfless love, in such turbulent times.
This heroic witness, we have to remember, has been sustained by prayer. How many Holy Masses have we not celebrated for this intention! How many prayers, particularly the Holy Rosary have not recited with fervour. How many long Hours of Adoration of the Blessed Sacrament! How many personal sacrifices, to support our fearful spirit, 'to do great things', precisely to offer our life for the brethren!

As the Bishop and Shepherd of this Vicariate, I would like to say; 'THE CHURCH IS PROUD OF YOU!" I am also proud of you in the Lord, and grateful to his pierced Heart, to have a community, a family to consecrated persons ready for the supreme sacrifice. In the name of the Church I would like to thank each one of you for your high testimony. I thank you for this heroic gesture, to be written in letters of gold in the annals of our Apostolic Vicariate. May the Father of every good, confirm you in your holy intention and may he bless you till the Day of Christ the Lord. AMEN

IŻ-ŻJARA TAL-ISQOF T' GĦAWDEX MARIO GRECH F' ADELAIDE, S.A.

Kellna nissieltu biex irnexxielna nsibu ftit ħin sewwa f'Adelaide miż-żjara pastorali ta' l-Isqof t'Għawdex, Mons. Mario Grech, fl-Awstralja. Din m'hijiex xi ħaġa ġdida għalina l-Maltin tas-*South Australia*, għax aktar iva milli le, aħna ta' spiss minsijin mill-VIP's Maltin li jżuru l-Awstralja. U meta jirnexxielna nikkonvinċuhom biex iżuruna, lkoll jgħidulna x' merħba tajnihom u li qatt ma kienu jistennewha.

Grazzi Isqof Mario li għoġbok tiġi tqatta 30 siegħa magħna. Kellek ħames *weekends* f' Melboune u Sydney u aħna ta' Adelaide ma rnexxielniex nieħdu mqar jum wieħed biss mill-ħ mistax ta' dawn il-*weekends*. Ikkuntentajna b' ġurnata fost il-ġimgħa u tajna risposta lil dawk li organiżżaw iż-żjara tiegħek hawn fl-Awstralja, li fost tant tilwim, jirnexxielna norganiżżaw kif jixraq u nagħtu risposta xierqa lil dawk li huma akbar u aqwa minna. Iva, il-
ħuta ż-żgħira qatt ma kielet lil ħuta l-kbira.

L-Isqof Mario, bl-*entourage* li kellu miegħu – il-ġenituri tiegħu George u Stella, ħuh – Mro. Carmelo, u l-Assistent personali tiegħu – Fr. Eddie Zammit – nhar it-Tlieta 25 t'Ottubru, wasal fl-ajruport ta' Adelaide fl-10.45 am, tlett kwarti tard. Minn hemm ġew meħudin bil-*limousine,* ġentilment mislufa minn Peter u Damien Elberg, għand is-Sorijiet Franġiskani Maltin tal-Qalb ta' Ġesu (f' Malta magħrufin bħala s-Sorijiet tal-Istilla) fejn dawn minn qalbhom offrewlhom ospitalità u alloġġ. Wara waqfa ta' ftit minuti, minn hemm telqu lejn Noarlanga biex, waqt l-ikla ta' nofsinhar, jiltaqgħu mal-Viġarju Ġenerali Philip Marshall, peress li l-Arċisqof ta' Adelaide bħalissa jinsab Ruma fil-laqgħa '*ad limina'* mal-Papa. Meta reġgħu lura, għamlu żjara qasira fil-Kattidral ta' Adelaide.

Filgħaxija,fis-7.00pm inbdiet il-Quddiesa ikkonċelebrata fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re f' Lockleys. F'din il-konċelebrazzjoni flimkien ma' l-Isqof Mario, kien hemm seba' saċerdoti oħra: Fr. Eddie Zammit – l-Assistent personali tiegħu, P. Gabriel S. Micallef O.F.M. – il-Kappillan tal-Komunità Maltija fis-*South Australia*, Fr. Charles Gauci – Kappillan ta' Noarlanga, P. Alfred Farrugia M.S.S.P. – Assistent ta' Fr. Gauci, Dun Ġwann Sultana – organiżżatur tat-*tour* minn Għawdex, u li miegħu kellu lil Mons. Pawl Cardona – Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ u P. Remiġ Galea O.F.M. Cap.

Il-knisja kienet imballata bin-nies, fosthom il-grupp Għawdxin li ġew ma' Dun Ġwann. Il-Kor taċ-*CHAPLAINCY*, taħt id-direzzjoni ta' Sr. Bonnie Attard, sebbaħ il-liturġija bil-kant tiegħu. Fil-bidu tal-quddiesa, P. Gabriel qara messaġġ, li fih ta stampa ċara tal-komunita afdata f'idejh u f' għeluq il-Quddiesa, Sr. Giovanna Gauci, is-Superjura Regjonali tas-Sorijiet Franġiskani Maltin, ddeskrieviet il-miġja tas-Sorijiet fl-Awstralja u l-ħidma tagħhom fost il-komunità nisranija. Wara l-Quddiesa l-Isqof ma bbastax jitlaq mill-Knisja, għaliex kulħadd ried jieħu ritratt miegħu ta' tifkira quddiem l-istatwa' ta' Marija Bambina, Sultana tal-Vittorji, li ġiet maħruġa appositament min-niċċa. Wara kien hemm riċeviment fis-Sala Parrokjali, fejn il-kantanta żagħ żugħa Stacey Saliba fetħet is-serata bl-Innu Malti u dak Awstraljan u l-banda lokali – il-MALTESE QUEEN OF VICTORIES BAND tat divertiment sabiħ b'kunċert ferrieħi. Xi ħaġa li nnota u ammira kulħadd kien il-fatt li l-Isqof Mario ma kellux ċans joqgħod bilqiegħda, imma mar idur u jitkellem mal-Maltin preżenti. Kif spiċċa il-kunċert mużikali nħareġ l-ikel u kulħadd kiel sa ma

L-għada filgħodu, li kellha tkun ġurnata kwieta, nbdiet b' konċelebrazzjoni fin-*Nursing Home* tas-Sorijiet Franġiskani u mbagħad l-Isqof u dawk li kellu miegħu ġew meħuda biex iżuru xi postijiet ta' interess f' Adelaide. Il-grupp ġie offrut ikla tajba fil-*Winery Serafino* ta' MacLaren Vale u mbagħad fl-4.30 pm. telqu lejn l-ajruport, minn fejn kellhom jitilqu lura lejn Melbourne.

Aktar minn darba l-Isqof Mario esprima s-sodisfazzjon tal-merħba li għamlulu l-Maltin f' Adelaide u l-istess dawk kollha li ltaqgħu miegħu spiċċaw verament b' togħma tajba. Grazzi mill-qalb Isqof Mario u nittamaw li meta terġa' żżurna tagħtina ċans nilqgħuk aktar bi kbir. Berikna.

P. Gabriel S. Micallef O.F.M.
KAPPILLAN TAL-KOMUNITA MALTIJA FIS-*SOUTH AUSTRALIA*

Nerġgħu nibdew mill-ġdid minn Assisi

Fil-ġurnal kattoliku *Avvenire* tat-22 t' Ottubru, dehret intervista mal-filosofu Remo Bodei (1938 -), professur fl-Universita UCLA ta' Los Angeles, li kien mistieden mill-Papa (bħ-ala rappreżentant tal-kultura lajka), biex ikun preżenti għall-laqgħa t' Assisi li saret nhar is-27 t' Ottubru li għadda. Huwa kien diġa mar għall-laqgħa tal-1998, flimkien mal-Prim Ministru Taljan Massimo d' Alema. Fost il-mistoqsijiet li sarulu, kien hemm dawn it-tnejn :

Assisi richiama la figura di san Francesco. Quale l' eredità del "Poverello" per il nostro tempo?
«Sono un lettore dei libri di Chiara Frugoni, che tanto ha studiato la vita di Francesco. E non condivido le letture di quanti reputano migliore suo padre di lui, ovvero preferiscono l'approccio capitalistico alla scelta di povertà. Del resto, se si legge il Vangelo, si trova un Gesù che vive come un uomo privatosi di tutto, che dorme dove capita, un "vagabondo" molto esigente ("sono venuto a portare la spada"). Insomma, Cristo – e Francesco con lui – porta un radicalismo che anche nel nostro tempo fa bene. Ritengo che nella situazione attuale una riscoperta della spiritualità francescana, all'insegna della povertà, e dell'attenzione ecologica di Francesco siano da salutare convavore».

Quale messaggio si augura esca dal raduno in terra umbra?
«Penso che l'auspicio del *Pax et Bonum*, in un mondo in grande fermento come il nostro (si pensi alla Libia…), sia di estrema eloquenza. Mi auguro venga un appello di pace e un invito a sentirsi in ricerca, tutti gli uomini, nello sforzo comune di salvare l'umanità dalla deriva verso il peggio. Considero questo appuntamento da Assisi come una tappa, uno scalino (Dante parla di Assisi come di "ascesi") verso una maggior coesione e ricerca di quei valori universali quali i diritti umani, la tolleranza, il rifiuto dello scontro, che ci accomunano come uomini».

Nitolbu flimkien għall-vokazzjonijiet fil-ħajja franġiskana

Ibgħat Mulej ħaddiema fil-għalqa tiegħek biex ixandru l-ispirtu Serafiku. Bi Kristu Sidna. Amen

AĦBARIJET TAL-PROVINĊJA TAGĦNA

Fit-23 t' Ottubru Mons. Arċisqof Pawlu Cremona O.P. qaddes fil-knisja tagħna tar-Rabat u wara kellu ċ-ċans jiltaqa' man-nies. Fl-aħħar qagħad għall-ikel mal-komunita'. Din kienet parti mil-viżta pastorali li kien qiegħ ed jagħmel ġewwa l-parroċċa tar-Rabat. Hawn jidher flimkien mal-fraternita franġiskana, l-Arċipriet, Fra Leo u l-abbatini.

Fis-6 ta' Novembru 12 iż-żagħżugħ u żagħżugħa rċevew is-sagrament tal-Konfermazzjoni fil-parroċċa tagħna tal-Madonna tas-Sacro Cuor, Tas-Sliema.

Fis-7 ta' Novembru l-President ta' Malta, Dr. G. Abela u Mrs. Abela żaru lill-aħwa, li qegħ-din jaħdmu f' Londra.

Fid–9 ta' Novembru P. Charles Diacono mar Londra biex jagħmel *supply*. P. Charles Grech ġie Malta għal xi jiem ta' mistrieħ, filwaqt li aktar tard P. Stephen Magro ġie Malta għal xahrejn biex jgħen lill-fraternita ta' Tas-Sliema.

Bejn is-7 u l-11 ta' Novembru sar it-tieni irtir annwali tal-patrijiet tagħna. L-animatur kien Mons. E. Sultana.

Nhar il-11 ta' Novembru l-Provinċjal u xi aħwa ħadu sehem fil-Quddiesa Pontifikali li saret f' S. Ġwann fl-okkażjoni tar-radd il-ħajr tal-ordinazzjoni episkopali ta' Mons. E. Barbara O.F.M. Cap., Isqof ta' Malindi. Il-Ħadd ta' wara, l-Isqof Barbara mar jqaddes fil-knisja tagħ-na ta' Tas-Sliema, peress li meta kien għadu missjunarju fil-Kenja, fil-vaganzi kien jiġi dejjem jqaddes għ andna.

Fis-17 tax-xahar, l-Arċisqof Mons. P. Cremona O.P. mexa konċelebrazzjoni fil-knisja tagħ-na tal-Ħamrun, fl-okkażjoni tas-solennita ta' S. Elizabetta tal-Ungerija, Patruna tal-O.F.S. Bosta membri tal-O.F.S., flimkien mad-Diretturi Spiritwali tal-fraternitajiet, attendew u ġeddew il-professjoni tagħhom.

Fid-19 ta' Novembru saret *Seher ir-Rabat - open day* fil-kunvent tagħna tar-Rabat. In-nies, li kienu mdawrin bi gwidi, setgħu jżuru l-knisja, l-kunvent u l-Każin tal-Banda l'Isle Adam. Għal din l-okkażjoni sar restawr fil-kamra fejn jingħad li miet il-Gran Mastru Fra Filippo de Villiers de l' Isle Adam. Fil-fatt l-intestini tiegħu jinsabu wara lapida li hemm ħdejn il-kappella ta' S. Ġużepp.

Fis-26 tax-xahar il-Provinċjal mexxa Quddiesa Konċelebrata fil-kappella li għandna fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata għall-erwieħ ta' ħutna l-patrijiet, familjari u benefatturi. L-animatur kien Fra Leo Ciantar.

FESTI JANNAR 2012 BIRTHDAYS

08. P. Arthur Azzopardi
16. P. Marcello Ghirlando
20. P. Sebastian Camilleri
27. P. Julian Sammut

06. P. Cherubin Galea
08. P. Adrian J. Cachia
P. Mark Ciantar
09. P. Charles Grech
15. P. Kamillu Aquilina
31. P. Sandro Overend
Provinċjal

***Xewqat qaddisa* !!!!!!!!!!**

PEACE ON EARTH

LAQGĦA TAL-MILIED
għall-Patrijiet, Ġenituri u Qraba

28 ta' Diċembru 2011
Dar tal-Irtiri Porziuncola
Baħar iċ-Ċagħaq
fis-6.00 pm
Nibdew b' Quddiesa Konċelebrata

F' DIN IL-ĦARĠA

Talba lil S. Franġisk 2
Il-Milied u S. Klara 3 - 4
Quoties cordis 5
Fra Giovanni di Cappella 6
Ftit tifkiriet tal-laqgħa t' Assisi 7
Messaġġ ta' Mons. S. Magro 8
Żjara ta' Mons. Mario f' Lockleys 9 - 10
Aħbarijiet mill-Provinċja tagħna 11

OFM - LINK

L-Editur
P. Alexander Borg O.F.M.
Patrijiet Franġiskani
Triq Dun Pawl Vella
Tas-Sliema SLM 1184
Tel. 21 33 11 83
E-mail : fralex@maltanet.mt

Għall-aħħar aggornamenti
hhtp://www.ofm.org.mt
Grazzi lil P. Joseph Magro O.F.M.